Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0132(COD)

18.10.2022

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009 u (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95, (KE) Nru 333/2002, (KE) Nru 693/2003 u (KE) Nru 694/2003 u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża
(COM(2022)0658 – C9-0165/2022 – 2022/0132(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Matjaž Nemec

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA 30

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....32

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009 u (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95, (KE) Nru 333/2002, (KE) Nru 693/2003 u (KE) Nru 694/2003 u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża (COM(2022)0658 – C9-0165/2022 – 2022/0132(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0658),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 77(2), il-punt (a), u l-Artikolu 79(2), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-proposta li l-Kummissjoni ssottomettiet lill-Parlament abbażi ta' dawn l-Aritkoli (C9-0165/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-applikanti għal viża jkunu jistgħu jissottomettu l-applikazzjoni	(8) Jenħtieġ li l-applikanti għal viża jkunu jistgħu jissottomettu l-applikazzjoni

tagħhom, jipprovdu d-data meħtieġa fil-formola tal-applikazzjoni, jipprovdu kopja ***skennjata*** tad-dokument tal-ivvjaġġar, u jipprovdu dokumenti ta' sostenn u assigurazzjoni medika tal-ivvjaġġar f'format diġitali permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE. Sabiex l-applikanti jkunu jistgħu jissejvjaw l-informazzjoni relatata mal-applikazzjoni tagħhom, jenħtieġ li l-pjattaforma tal-applikazzjoni online tkun tista' taħżen id-data temporanjament. Ladarba l-applikant ikun issottometta l-applikazzjoni online u l-Istati Membri jagħmlu l-verifiki xierqa, il-fajl tal-applikazzjoni jiġi ttrasferit għas-sistema nazzjonali tal-Istat Membru kompetenti u jinħażen hemmhekk. Il-konsulati jikkonsultaw l-informazzjoni maħżuna fil-livell nazzjonali u jimbottaw biss id-data meħtieġa lejn il-VIS ċentrali.	tagħhom, jipprovdu d-data meħtieġa fil-formola tal-applikazzjoni, jipprovdu kopja ***elettronika*** tad-dokument tal-ivvjaġġar, u jipprovdu dokumenti ta' sostenn u assigurazzjoni medika tal-ivvjaġġar f'format diġitali permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE. Sabiex l-applikanti jkunu jistgħu jissejvjaw l-informazzjoni relatata mal-applikazzjoni tagħhom, jenħtieġ li l-pjattaforma tal-applikazzjoni online tkun tista' taħżen id-data temporanjament. Ladarba l-applikant ikun issottometta l-applikazzjoni online u l-Istati Membri jagħmlu l-verifiki xierqa, il-fajl tal-applikazzjoni jiġi ttrasferit għas-sistema nazzjonali tal-Istat Membru kompetenti u jinħażen hemmhekk. Il-konsulati jikkonsultaw l-informazzjoni maħżuna fil-livell nazzjonali u jimbottaw biss id-data meħtieġa lejn il-VIS ċentrali.
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Dispożizzjonijiet speċjali li jenħtieġ li japplikaw f'każijiet individwali minħabba raġunijiet umanitarji jistgħu jkopru kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà diġitali	(14) Dispożizzjonijiet speċjali li jenħtieġ li japplikaw f'każijiet individwali minħabba raġunijiet umanitarji jistgħu jkopru kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà diġitali ***jew kompetenza diġitali limitata. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-persuni b'diżabilità.***
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) F'ċerti pajjiżi terzi l-kopertura tan-network tal-internet għadha estremament limitata. Għandha tingħata attenzjoni partikolari liċ-ċirkostanzi fejn jitnedew diversi applikazzjonijiet mill-istess pożizzjoni u mill-istess indirizz IP. Indirizzi IP immarkati jenħtieġ li ma jwasslux għall-iskwalifika tal-applikazzjoni għal viża.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-ħlas tat-tariffa tal-viża jsir bl-użu ta' gateway ta' parti terza konnessa mal-pjattaforma tal-applikazzjoni ***online*** u l-pagamenti jiġu ttrasferiti direttament lill-Istat Membru xieraq. Jenħtieġ li d-data meħtieġa biex jiġi żgurat il-ħlas elettroniku ma tkunx tifforma parti mid-data maħżuna fil-VIS.	(17) Jenħtieġ li l-ħlas tat-tariffa tal-viża jsir bl-użu ta' gateway ta' parti terza konnessa mal-pjattaforma tal-applikazzjoni ***tal-UE*** u l-pagamenti jiġu ttrasferiti direttament lill-Istat Membru xieraq. Jenħtieġ li d-data meħtieġa biex jiġi żgurat il-ħlas elettroniku ma tkunx tifforma parti mid-data maħżuna fil-VIS.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Jenħtieġ li l-kooperazzjoni lokali ta' Schengen tiddetermina wkoll f'każijiet speċifiċi l-użu ta' lingwi mhux uffiċjali mitkellma b'mod wiesa' fi proċedura tal-viża jew għat-traduzzjoni tal-formola tal-

applikazzjoni. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni lokali ta' Schengen tiddetermina wkoll proċeduri għat-trasferiment tad-data elettronika għal fornituri esterni tas-servizzi jew li tirrappreżenta lill-Istati Membri f'każijiet fejn skont il-liġijiet lokali pajjiżi terzi jipprojbixxu tali trasferimenti barra mit-territorju tagħhom.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Fejn il-konsulat kompetenti jew l-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru kompetenti jsibu li huma responsabbli biex jeżaminaw l-applikazzjoni, jenħtieġ li huma jaċċettawha u li d-data tiġi importata fis-sistema nazzjonali mill-ħażna temporanja kif stabbilita mir-Regolament VIS u titħassar mill-ħażna temporanja bl-eċċezzjoni tad-data ta' kuntatt.	(20) Fejn il-konsulat kompetenti jew l-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru kompetenti jsibu li huma responsabbli biex jeżaminaw l-applikazzjoni, jenħtieġ li huma jaċċettawha u li d-data tiġi importata fis-sistema nazzjonali mill-ħażna temporanja kif stabbilita mir-Regolament VIS u titħassar mill-ħażna temporanja bl-eċċezzjoni tad-data ta' kuntatt. ***Kull Stat Membru jenħtieġ li jaħtar awtorità kompetenti li għandha titqies bħala l-kontrollur tad-data u li għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar tad-data minn dak l-Istat Membru.***

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE jenħtieġ li jkun fiha funzjonalità għall-	(28) Il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE jenħtieġ li jkun fiha funzjonalità għall-

applikanti biex jivverifikaw ***il-viżi*** diġitali tagħhom.	applikanti biex jivverifikaw ***il-validità tal-viżi*** diġitali tagħhom.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Sabiex ***jiġi żgurat li l-formola tal-applikazzjoni u l-formoli ta' rifjut jaħsbu għall-possibbiltajiet meta applikant għal viża jkun issottometta l-applikazzjoni tiegħu permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE jew le***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ***delegati*** f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex ***temenda l-lista ta' informazzjoni li jenħtieġ li jkun fiha l-pjattaforma*** tal-applikazzjoni tal-UE u sabiex temenda l-formoli u l-formati standard xierqa. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[55]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, ***jenħtieġ li*** l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(37) Sabiex ***jiġu emendati ċerti aspetti dettaljati tekniċi tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 u sabiex jiġi ssupplimentat ir-Regolament (KE) Nru 767/2008***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex ***taġġorna l-formola*** tal-applikazzjoni***, temenda l-formola tar-rifjut, tiddefinixxi r-rekwiżiti tas-servizz ta' kont sigur, u tiddefinixxi l-kontenut ta' formoli ta' applikazzjoni ssimplifikati għall-konferma ta' viżi validi f'dokument tal-ivvjaġġar u għall-estensjoni tal-viżi***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[55]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
[55] ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.	[55] ĠU L 123, 12.5.2016, p.1.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(37a) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu ddelegati lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].
	[1a]Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-introduzzjoni ta' pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE u ta' viża diġitali se tirrispetta bis-sħiħ id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, ir-rispett tal-	(40) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-introduzzjoni ta' pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE u ta' viża diġitali se tirrispetta bis-sħiħ id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, ir-rispett tal-

ħajja privata u tal-familja, id-drittijiet tat-tfal, u l-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli. Is-salvagwardji kollha dwar id-drittijiet fundamentali inklużi fir-Regolament dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża se jibqgħu applikabbli bis-sħiħ fil-kuntest tal-pjattaforma futura tal-UE ta' applikazzjoni għal Viża u tal-viża diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal. Il-pjattaforma se jkollha tqis ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà[56] sabiex tiżgura aċċess faċli għall-persuni b'diżabilità.	ħajja privata u tal-familja, id-drittijiet tat-tfal, u l-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli. Is-salvagwardji kollha dwar id-drittijiet fundamentali inklużi fir-Regolament dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża se jibqgħu applikabbli bis-sħiħ fil-kuntest tal-pjattaforma futura tal-UE ta' applikazzjoni għal Viża u tal-viża diġitali, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal. Il-pjattaforma se jkollha tqis ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà sabiex tiżgura aċċess faċli għall-persuni b'diżabilità. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil persuni b'kompetenza diġitali limitata, lingwi mhux uffiċjali mitkellma b'mod wiesa' u problemi relatati mal-aċċess għall-internet.***
[56] Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1-15).	[56] Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1-15).

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 9 – paragrafu 1b – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ċittadini minn pajjiżi terzi b'diżabilità;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, inkluż permezz ta' deroga possibbli mill-użu tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt ca (ġdid)
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) il-paragrafu 3, il-punt (b), għandu jiġi emendat kif ġej:
(b) il-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-pajjiż ospitanti.	"(b) il-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-pajjiż ospitanti ***jew lingwa jew lingwi mhux uffiċjali mitkellma b'mod wiesa' tal-pajjiż ospitanti,***"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata attenzjoni partikolari, fejn xieraq, biex jitqiesu wkoll il-lingwi lokali mhux uffiċjali li huma mitkellma b'mod wiesa' sabiex il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE tkun disponibbli f'dawn il-lingwi.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt cb (ġdid)
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(cb) il-paragrafu 4 jiġi emendat kif ġej:
4. Jekk ***il-lingwa/i*** uffiċjali tal-pajjiż ospitanti ***ma tkunx/jkunux integrata/i fil-formola***, traduzzjoni f'dik/dawk il-lingwa/i għandha tkun disponibbli separatament għall-applikanti.	" 4. Jekk ***il-formola tal-applikazzjoni ma tkunx disponibbli fil-lingwa/i*** uffiċjali tal-pajjiż ospitanti, traduzzjoni f'dik/dawk il-lingwa/i ***jew f'lingwa/i mhux uffiċjali mitkellma b'mod wiesa' tal-pajjiż ospitanti*** għandha tkun disponibbli separatament għall-applikanti.***"***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata attenzjoni partikolari, fejn xieraq, li jitqiesu lingwi lokali mhux uffiċjali li huma mitkellma b'mod wiesa' li għalihom it-traduzzjoni tal-formola tal-applikazzjoni għandha tiġi kkreata.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt cc (ġdid)
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(cc) il-paragrafu 5 jiġi emendat kif ġej:
5. It-traduzzjoni tal-formola tal-applikazzjoni fil-lingwa/i uffiċjali tal-pajjiż ***ospitant*** għandha ssir skont il-kooperazzjoni lokali ta' Schengen skont l-Artikolu 48.	"5. It-traduzzjoni tal-formola tal-applikazzjoni fil-lingwa/i uffiċjali tal-pajjiż ***ospitanti jew fil-lingwi mhux uffiċjali mitkellma b'mod wiesa'*** għandha ssir skont il-kooperazzjoni lokali ta' Schengen skont l-Artikolu 48."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, f'każijiet speċifiċi, taħt il-kooperazzjoni lokali ta' Schengen, il-lingwi lokali mhux uffiċjali mitkellma b'mod wiesa' li fihom l-applikazzjoni għandha tiġi tradotta.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-applikazzjoni tiġi sottomessa permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE, il-konsulat jew il-fornitur estern tas-servizzi għandu jivverifika li d-dokument tal-ivvjaġġar ippreżentat, li jiġi	Meta l-applikazzjoni tiġi sottomessa permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE, il-konsulat jew il-fornitur estern tas-servizzi għandu jivverifika li d-dokument tal-ivvjaġġar ippreżentat, li jiġi

ppreżentat personalment f'konformità mal-paragrafu 2, ikun jikkorrespondi għall-kopja ***skennjata*** mtellgħa mill-applikant.	ppreżentat personalment f'konformità mal-paragrafu 2, ikun jikkorrespondi għall-kopja ***elettronika*** mtellgħa mill-applikant.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn il-kwalità tal-kopja ***skennjata*** msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx sodisfaċenti jew fejn ikun hemm dubji, notevolment fir-rigward tal-awtentiċità, il-konsulat kompetenti jew il-fornitur estern tas-servizzi għandu jieħu skennjar ġdid u jtellgħu fuq il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE.;	5. Fejn il-kwalità tal-kopja ***elettronika*** msemmija fil-paragrafu 4 ma tkunx sodisfaċenti jew fejn ikun hemm dubji, notevolment fir-rigward tal-awtentiċità, il-konsulat kompetenti jew il-fornitur estern tas-servizzi għandu jieħu skennjar ġdid u jtellgħu fuq il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE.;

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 26a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-viżi għandhom jinħarġu f'format diġitali bħala rekord fil-VIS, inkluż numru uniku tal-viża. ;	Il-viżi għandhom jinħarġu f'format diġitali bħala rekord fil-VIS, inkluż numru uniku tal-viża ***diġitali***. ;

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 – punt a
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-applikazzjonijiet sottomessi permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE, ***l-informazzjoni rigward id-deċiżjonijiet***dwar ir-rifjut u r-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat għandhom ***jiġu nnotifikati*** lill-applikant ***b'mezzi elettroniċi siguri f'konformità mal-Artikolu 7f(1) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008. In-notifika se jkun fiha l-istess informazzjoni kif stabbilita fl-Anness VI,*** bil-lingwa tal-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni u b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni.	Għall-applikazzjonijiet sottomessi permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE, ***kif ikun hemm deċiżjoni ta' rifjut, l-applikant għandu jiġi nnotifikat b'mezzi elettroniċi skont l-Artikolu 7f(1) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008. Deċiżjoni*** dwar ir-rifjut u r-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat***, kif stabbilit fl-Anness VI,*** għandhom ***isiru disponibbli*** lill-applikant ***fil-kont sigur***. ***Id-deċiżjoni tar-rifjut għandha tkun*** bil-lingwa tal-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni u b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 – punt a
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jżidu dokumenti addizzjonali ***man-notifika standard, li jiġġustifikaw ir-rifjut***.	L-Istati Membri jistgħu jżidu dokumenti addizzjonali ***li jissostanzjaw id-deċiżjoni ta' rifjut***.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 – punt a

Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-perijodu tal-appell għandu jinbeda malli l-applikant għall-viża jikkonsulta d-deċiżjoni fil-kont sigur fil-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 – punt a
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 32 – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a sabiex temenda l-formola ta' rifjut, kif stabbilit fl-Anness VI ***jew bħala notifika msemmija fil-Kapitolu Ia tar-Regolament (KE) Nru 767/2008***.;	Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 51a sabiex temenda l-formola ta' rifjut, kif stabbilit fl-Anness VI.;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 32a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenturi tal-viża li d-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom ikun intilef, insteraq jew ikun skada u li l-viża tagħhom tkun għadha valida ***jistgħu*** japplikaw għall-konferma tal-viża marbuta ma' dokument tal-ivvjaġġar ġdid.	1. Id-detenturi tal-viża li d-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom ikun intilef, insteraq jew ikun skada ***jew invalidat*** u li l-viża tagħhom tkun għadha valida ***għandhom*** japplikaw għall-konferma tal-viża marbuta ma' dokument tal-ivvjaġġar ġdid***, jekk***

jixtiequ jkomplu jużaw il-viża. Il-konferma tal-viża tista' ssir, fil-prinċipju, mal-awtorità li tkun ħarġet il-viża jew skont it-termini kkomunikati mill-Istat Membru.

Id-deċiżjoni tal-konferma tal-viża f'dokument tal-ivvjaġġar ġdid għandha tiġi nnotifikata lill-applikant b'mezzi elettroniċi skont l-Artikolu 7f tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

Id-deċiżjoni jekk viża hijiex konfermata f'dokument ġdid tal-ivvjaġġar għandha tkun disponibbli għall-applikant fil-kont sigur.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 32a – paragrafu 2 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-numru tal-viża;	(b) in-numru tal-viża ***diġitali***;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 32a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-detentur tal-viża għandu jkun meħtieġ jidher personalment għall-preżentazzjoni tad-dokument tal-ivvjaġġar il-ġdid sabiex jivverifika li dan id-	4. Id-detentur tal-viża għandu jkun meħtieġ jidher personalment għall-preżentazzjoni tad-dokument tal-ivvjaġġar il-ġdid sabiex jivverifika li dan id-

dokument tal-ivvjaġġar ikun jikkorrespondi għall-kopja ***skennjata*** mtellgħa permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE, u li d-detentur tad-dokument tal-ivvjaġġar ikun jikkorrespondi għall-persuna li għaliha tkun inħarġet viża.	dokument tal-ivvjaġġar ikun jikkorrespondi għall-kopja ***elettronika*** mtellgħa permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE, u li d-detentur tad-dokument tal-ivvjaġġar ikun jikkorrespondi għall-persuna li għaliha tkun inħarġet viża.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt b
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 33 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***Meta viża tiġi estiża skont il-paragrafi minn 1 sa 7 ta' dan l-Artikolu*** permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE***, l-estensjoni*** għandha tiġi nnotifikata lill-applikant b'mezzi elettroniċi ***siguri*** f'konformità mal-Artikolu 7f tar-Regolament (KE) Nru 767/2008;	8. ***Id-deċiżjoni tal-estensjoni tal-viża mitluba*** permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE għandha tiġi nnotifikata lill-applikant b'mezzi elettroniċi f'konformità mal-Artikolu 7f tar-Regolament (KE) Nru 767/2008; ***Id-deċiżjoni jekk viża ġietx estiża għandhom tkun disponibbli lill-applikant f'kont sigur.***

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a
Regolament (KE) Nru 810/2009
Artikolu 34 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Deċiżjoni dwar l-annullament jew ir-revoka ta' viża u r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata għandhom jinħarġu f'format diġitali billi tiddaħħal id-data fil-VIS, ***skont l-Artikolu 12*** tar-Regolament (KE)	6. ***Għall-applikazzjonijiet sottomessi permezz tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE,*** deċiżjoni dwar l-annullament jew ir-revoka ta' viża u r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata għandhom jinħarġu f'format

Nru 767/2008, ***u jiġu nnotifikati lill-applikant*** b'mezzi elettroniċi ***siguri*** f'konformità mal-Artikolu 7f tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 ***jew permezz tal-formola standard stabbilita*** fl-Anness VI għal applikazzjonijiet mhux sottomessi permezz tal-pjattaforma ta' applikazzjoni tal-UE. ***In-notifika*** għandu ***jkun fiha l-informazzjoni stabbilita*** fl-Anness VI.***;***	diġitali billi tiddaħħal id-data fil-VIS, ***f'konformità mal-Artikolu 13***tar-Regolament (KE) Nru 767/2008***.***
	Malli deċiżjoni dwar l-annullament jew ir-revoka ssir disponibbli, l-applikant għandu jiġi nnotifikat b'mezzi elettroniċi f'konformità mal-Artikolu 7f***(1)*** tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.
	Deċiżjoni dwar l-annullament jew ir-revoka u r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata, kif stabbilit fl-Anness VI ***għandha tkun disponibbli lill-applikant f'kont sigur.***
	Għal applikazzjonijiet mhux sottomessi permezz tal-pjattaforma ta' applikazzjoni tal-UE***, id-deċiżjoni dwar l-annullament jew ir-revoka ta' viża u r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata għandha tiġi nnotifikata lill-applikant permezz ta' formola standard kif stabbilit*** fl-Anness VI.
	Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni pubblika ġenerali dwar il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE	Informazzjoni pubblika ġenerali dwar il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE
	Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-eu-LISA għandha tkun responsabbli biex tippubblika u taġġorna l-informazzjoni pubblika ġenerali li ġejja fuq il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE, malli tirċievi l-informazzjoni li ġejja mingħand il-Kummissjoni jew l-Istati Membri:	L-eu-LISA għandha tkun responsabbli biex tippubblika u taġġorna l-informazzjoni pubblika ġenerali li ġejja fuq il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE, malli tirċievi l-informazzjoni li ġejja mingħand il-Kummissjoni jew l-Istati Membri:

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7b – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7ba, l-applikant għandu jipprovdi d-data personali li ġejja fil-formola tal-applikazzjoni:	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7ba, l-applikant għandu jipprovdi***, jekk applikabbli,*** id-data personali li ġejja fil-formola tal-applikazzjoni:

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7b – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) il-marki tas-swaba' miġbura qabel	(28) il-marki tas-swaba' miġbura qabel

għall-fini ta' applikazzjoni għal viża ta' Schengen; id-data (jekk tkun magħrufa); in-numru tal-viża, jekk ikun magħruf;	għall-fini ta' applikazzjoni għal viża ta' Schengen; id-data (jekk tkun magħrufa); in-numru tal-viża ***diġitali***, jekk ikun magħruf;

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7b – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fir-rigward tal-ħżin temporanju tad-data, l-eu-LISA għandha titqies bħala l-awtorità kompetenti u bħala kontrollur skont l-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandha jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar tad-data.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7b – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Indirizz IP immarkat waħdu ma għandux iwassal awtomatikament għall-iskwalifika tal-applikazzjoni għal viża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'ċerti pajjiżi terzi, il-kopertura tan-network tal-internet għadha estremament limitata. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil din iċ-ċirkostanza meta bosta applikazzjonijiet

jiġu sottomessi mill-istess pożizzjoni u l-istess indirizz IP. Indirizz IP immarkat ma għandux iwassal awtomatikament għall-iskwalifika tal-applikazzjoni għal viża.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni,*** tiddefinixxi l-kontenut ta' formola ta' applikazzjoni simplifikata għall-konferma ta' viżi validi f'dokument tal-ivvjaġġar ġdid, kif imsemmi fl-Artikolu 32a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, u għall-estensjoni tal-viżi, kif imsemmi fl-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament, bl-użu tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(2).***	6. Il-Kummissjoni għandha ***tadotta atti delegati fil-konformità mal-Artikolu 48a sabiex*** tiddefinixxi l-kontenut ta' formola ta' applikazzjoni simplifikata għall-konferma ta' viżi validi f'dokument tal-ivvjaġġar ġdid, kif imsemmi fl-Artikolu 32a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, u għall-estensjoni tal-viżi, kif imsemmi fl-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament, bl-użu tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikanti għandhom ikunu jistgħu jużaw il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE biex jissottomettu kopja ***skennjata*** tad-dokument tal-ivvjaġġar f'format elettroniku, kif ukoll dokumenti ta' sostenn u prova ta' assigurazzjoni medika tal-ivvjaġġar f'format diġitali, kif applikabbli, skont ir-	2. L-applikanti għandhom ikunu jistgħu jużaw il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE biex jissottomettu kopja tad-dokument tal-ivvjaġġar f'format elettroniku, kif ukoll dokumenti ta' sostenn u prova ta' assigurazzjoni medika tal-ivvjaġġar f'format diġitali, kif applikabbli, skont ir-Regolament (KE) Nru 810/2009

Regolament (KE) Nru 810/2009 jew id-Direttiva 2004/38/KE.	jew id-Direttiva 2004/38/KE.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7c – paragrafu 9 - subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-pjattaforma tal-applikazzjoni għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li jiġi żgurat li jkunu jistgħu japplikaw il-paragrafi (4) u (4a) tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, sabiex tippermetti li l-applikazzjonijiet jitqiesu ammissibbli.	Il-pjattaforma tal-applikazzjoni ***tal-UE*** għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li jiġi żgurat li jkunu jistgħu japplikaw il-paragrafi (4) u (4a) tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, sabiex tippermetti li l-applikazzjonijiet jitqiesu ammissibbli.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7c – paragrafu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13a. Fir-rigward tad-data trasferita msemmija fil-paragrafi 11 u 12, kull Stat Membru għandu jaħtar awtortià kompetenti li għandha tiġi kkunsidrata bħala kontrollur tad-data f'konformità mal-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679 u li għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar tad-data minn dak l-Istat Membru. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-ħatra.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7e – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jivverifikaw u jwettqu kontrolli tal-kwalità fuq id-data mtellgħa fil-kapaċità ta' ħażna temporanja, notevolment il-kopja ***skennjata*** tad-dokument tal-ivvjaġġar;	(a) jivverifikaw u jwettqu kontrolli tal-kwalità fuq id-data mtellgħa fil-kapaċità ta' ħażna temporanja, notevolment il-kopja ***elettronika*** tad-dokument tal-ivvjaġġar;

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7f – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikanti u d-detenturi tal-viża għandhom jiġu nnotifikati bid-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri dwar l-applikazzjonijiet tagħhom jew il-viżi maħruġa b'mezzi elettroniċi ***siguri***.	1. L-applikanti u d-detenturi tal-viża għandhom jiġu nnotifikati bid-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri dwar l-applikazzjonijiet tagħhom jew il-viżi maħruġa b'mezzi elettroniċi.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 7g – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE għandha toffri funzjonalità ta' servizz web għall-applikanti biex jivverifikaw ***il-viża*** diġitali mingħajr is-servizz tal-kont sigur.	3. Il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE għandha toffri funzjonalità ta' servizz web għall-applikanti biex jivverifikaw ***il-validità tal-viża*** diġitali mingħajr is-servizz tal-kont sigur.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) in-numru tal-viża***;***	(e) in-numru tal-viża ***diġitali;***

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) in-numru tal-viża estiża;	(d) in-numru tal-viża ***diġitali*** estiża;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) in-numru tal-viża, in-numru tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza u d-data tal-ħruġ ta' kwalunkwe viża, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza preċedenti;	(f) in-numru tal-viża ***diġitali***, in-numru tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza u d-data tal-ħruġ ta' kwalunkwe viża, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza preċedenti;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17 – punt b
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 22o – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-indirizz IP	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-artikolu jikkonċerna d-data li għandha tiżdied mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini tal-estensjoni ta' viża għal soġġorn twil jew ta' tiġdid ta' permess ta' residenza. Ir-Rapporteur jikkunsidra l-ġbir tal-indirizz IP għal dak il-għan mhux neċessarju jew mhux sostanzjat biżżejjed.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt a
Regolament (KE) Nru 767/2008
Artikolu 22r – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) in-numru tal-viża jew in-numru tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza u d-data tal-iskadenza tal-validità tal-viża, tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza, kif applikabbli;;	(c) "(ċ) in-numru tal-viża ***diġitali*** jew in-numru tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza u d-data tal-iskadenza tal-validità tal-viża, tal-viża għal soġġorn twil jew tal-permess ta' residenza,

kif applikabbli;";

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fejn applikabbli, in-numru tal-viża għal soġġorn qasir, inkluż il-kodiċi bi tliet ittri tal-Istat Membru emittenti, it-tip ta' viża għal soġġorn qasir, id-data tat-tmiem tad-durata massima tas-soġġorn kif awtorizzata mill-viża għal soġġorn qasir, li għandha tiġi aġġornata ma' kull dħul, u d-data ta' skadenza tal-validità tal-viża għal soġġorn qasir;	(d) fejn applikabbli, in-numru tal-viża ***diġitali*** għal soġġorn qasir, inkluż il-kodiċi bi tliet ittri tal-Istat Membru emittenti, it-tip ta' viża għal soġġorn qasir, id-data tat-tmiem tad-durata massima tas-soġġorn kif awtorizzata mill-viża għal soġġorn qasir, li għandha tiġi aġġornata ma' kull dħul, u d-data ta' skadenza tal-validità tal-viża għal soġġorn qasir;

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fejn applikabbli, in-numru tal-viża l-ġdid, inkluż il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti;	(d) fejn applikabbli, in-numru tal-viża ***diġitali***l-ġdid, inkluż il-kodiċi bi tliet ittri tal-pajjiż emittenti;

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-numru tal-viża għal soġġorn qasir, inkluż il-kodiċi bi tliet ittri tal-Istat Membru emittenti msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 16(2);	(b) in-numru tal-viża ***diġitali*** għal soġġorn qasir, inkluż il-kodiċi bi tliet ittri tal-Istat Membru emittenti msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 16(2);

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2017/2226
Artikolu 32 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) in-numru tal-viża u d-data tal-iskadenza tal-validità tal-viża;.	(c) in-numru tal-viża ***diġitali*** u d-data tal-iskadenza tal-validità tal-viża;.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Ħames*** snin wara d-data tal-bidu tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-operat tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE. Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi eżami tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-objettivi u tal-implimentazzjoni tad-	1. ***Tliet*** snin wara d-data tal-bidu tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-operat tal-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE. Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi eżami tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-objettivi u tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-

dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, kif emendati b'dan ir-Regolament.	Regolament (KE) Nru 810/2009 u tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, kif emendati b'dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rapporteur jikkunsidra li ħames snin huma twal għall-evalwazzjoni ta' għodda li se tieħu mill-inqas 4 snin biex tiġi żviluppata. Tliet snin wara d-data tal-bidu tal-operazzjonijiet huwa perijodu ta' żmien aktar xieraq u aktar f'konformi ma' dispożizzjonijiet simili f'atti legali, bħall-VIS, l-EES, l-ETIAS, u s-SIS, li għandhom evalwazzjoni prevista wara tliet snin ta' operat.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Matul dan il-perjodu tranżizzjonali, id-detenturi tal-viża għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw ***il-viżi*** diġitali billi jużaw is-servizz web tal-pjattaforma ***online*** ta' applikazzjonijiet ***għal viża***, imsemmi fl-Artikolu 7g tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, jekk l-Istat Membru li jkun qed jipproċessa l-applikazzjoni għall-viża tagħhom jiddeċiedi li ma jużax il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE.	Matul dan il-perjodu tranżizzjonali, id-detenturi tal-viża għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw ***il-validità tal-viżi*** diġitali billi jużaw is-servizz web tal-pjattaforma ta' applikazzjonijiet ***tal-UE***, imsemmi fl-Artikolu 7g tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, jekk l-Istat Membru li jkun qed jipproċessa l-applikazzjoni għall-viża tagħhom jiddeċiedi li ma jużax il-pjattaforma tal-applikazzjoni tal-UE.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni ressqet il-proposta dwar id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża. Il-proposta għandha l-għan li tintroduċi l-possibbiltà li jiġu sottomessi applikazzjonijiet għal viża online permezz ta' pjattaforma tal-applikazzjonijiet tal-UE għal viża diġitali u li l-istiker tal-viża tiġi sostitwita b'viża diġitali. Dan se jissimplifika u jintegra l-proċeduri fil-kuntest tal-politika kom, u jallinja l-ivvjaġġar, ir-rekwiżiti tad-dħul u l-verifiki fil-fruntieri fiż-żona Schengen permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-qafas tal-interoperabbiltà fil-fruntieri.

Il-bażi ġuridika tal-inizjattiva leġiżlattiva hija l-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 77(2)(a) tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-Unjoni biex tiżviluppa miżuri li jikkonċernaw "il-politika komuni dwar il-viżi u permessi oħrajn ta' residenza għal soġġorn qasir". L-Artikolu 77(2)(b) tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-Unjoni biex tiżviluppa miżuri li jikkonċernaw "il-kontrolli li għalihom huma soġġetti persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni". L-Artikolu 79(2)(a) jagħti s-setgħa lill-Unjoni biex tiżviluppa miżuri li jikkonċernaw "il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, u standards dwar il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi u permessi ta' residenza fit-tul". Billi l-istrument legali jimmira lejn id-diġitalizzazzjoni tal-viżi kemm għal soġġorn qasir kif ukoll għal soġġorn twil (il-format tal-viża diġitali biss għal dawn tal-aħħar), hija meħtieġa bażi ġuridika konġunta li tikkonsisti fl-Artikoli 77(2) u 79(2) tat-TFUE.

Mid-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi dwar il-Viżi[1] fl-2010 u l-bidu tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)[2] fl-2011, l-ambjent li fih topera l-politika dwar il-viżi nbidel b'mod konsiderevoli. Minn naħa waħda, l-isfidi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà żdiedu f'dawn l-aħħar snin; dwar l-iżviluppi teknoloġiċi sinifikanti l-oħrajn, jipprovdu opportunitajiet ġodda sabiex il-proċess tal-applikazzjoni għall-viża ta' Schengen isir aktar faċli kemm għall-vjaġġaturi kif ukoll għall-konsulati.

Filwaqt li l-ipproċessar tal-viża diġà huwa parzjalment diġitalizzat, bl-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet irreġistrati fil-VIS, hemm żewġ passi importanti li għadhom ibbażati fuq il-karta: il-proċess tal-applikazzjoni għall-viża u l-istiker tal-viża.

Meta rrivedew l-Kodiċi dwar il-Viżi tal-EU fl-2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddikjaraw b'mod espliċitu l-għan li tiġi żviluppata soluzzjoni komuni li tippermetti li l-applikazzjonijiet għall-viża Schengen jiġu mibgħuta online, u b'hekk isir użu sħiħ mill-iżviluppi legali u teknoloġiċi riċenti[3]. Bl-introduzzjoni tal-possibbiltà li l-applikanti għal viża jiffirmaw il-formoli tal-applikazzjoni b'mod elettroniku, il-Kodiċi dwar il-Viżi[4] emendat ħoloq il-possibbiltà għas-sottomissjoni u l-ipproċessar diġitali tal-applikazzjonijiet għal viża;

---

1 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

2 Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS), (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

3 Il-premessa 20 fir-Regolament (UE) 2019/1155.

4 Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1) u r-Regolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-

Id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża hija opportunità biex jitjieb il-proċess tal-applikazzjoni tal-viża, li tnaqqas il-kostijiet u l-piż żejjed fuq il-partijiet ikkonċernati, filwaqt li ttejjeb is-sigurtà taż-żona Schengen. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-viża hija konformi mal-iżviluppi leġiżlattivi reċenti relatati mal-pajsaġġ tal-IT għall-ġestjoni tal-fruntieri, filwaqt li tikkontribwixxi għal sigurtà msaħħa taż-Żona Schengen.

Id-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża tikkostitwixxi żvilupp pożittiv dwar is-sitwazzjoni attwali li fiha frammentazzjoni f'termini ta' prattiki nazzjonali għall-ġestjoni tal-proċess tal-applikazzjoni tal-viża taffettwa b'mod negattiv il-funzjonament tal-politika tal-UE dwar il-Viżi u l-perċezzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala entità ġeografika waħda.

Filwaqt li r-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża u għandha l-għan li ttejjibha u ssaħħaħha. Peress li s-sistema l-ġdida se tkun kompletament diġitali, il-proposta jeħtieġ li ssaħħaħ is-salvagwardji fir-rigward ta' persuni b'diżabilità kif ukoll l-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-kompetenza diġitali u l-aċċessibbiltà għall-internet. Barra minn hekk, ir-Rapporteur jemmen li huwa importanti li kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà tal-lingwa tal-pjattaforma tal-applikazzjonijiet tal-UE u l-proċedura jiġu indirizzati. F'konformità mal-Opinjoni tal-EDPS, ir-Rapporteur jipproponi barra minn hekk li tissaħħaħ ir-responsabbiltà u r-rwoli tal-eu-LISA u tal-awtoritajiet nazzjonali fi stadji differenti tal-ipproċessar tad-data.

Fir-rigward tal-ġbir u l-ipproċessar tal-indirizz tal-IP tal-applikant, ir-Rapporteur jiddubita l-ħtieġa u l-valur miżjud ta' tali data u jemmen ukoll li huma meħtieġa garanziji addizzjonali sabiex jiġi żgurat li l-indirizzi IP immarkati waħedhom qatt ma jwasslu għal skwalifika tal-applikazzjoni għal viża, bħal pereżempju minħabba aċċessibbiltà baxxa għan-network f'post jew żona partikolari.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jemmen li soluzzjoni diġitali moderna u faċli għall-utent, proċedura amministrattiva simplifikata u armonizzata għall-viża, u t-tibdil tal-istiker tal-viża b'viża diġitali jikkostitwixxu titjib milqugħ tajjeb fil-Politika dwar il-Viżi tal-UE u jnaqqas ir-riskji għas-sigurtà kkawżati mill-istikers tal-viża. Barra minn hekk, u filwaqt li titqies is-sinifikanza tad-diġitalizzazzjoni tal-viża għaċ-ċittadini u għall-Unjoni Ewropea fit-totalità tagħha, ir-Rapporteur jirrakkomanda li l-Membri tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jappoġġaw dan ir-report.

Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 25).

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Entita u/jew persuna
1. TLScontact